

Brussell, 7 ta' Mejju 2018  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2016/0014 (COD)**

---

8499/18  
ADD 1

CODEC 665  
ENT 81  
MI 304

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jfassar id-Direttiva 2007/46/KE ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

---

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA U L-LATVJA**

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jaqblu bis-sħiħ dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, bil-ħsieb li jkun żgurat livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jappoġġaw l-għanijiet u l-prinċipji tar-Regolament il-ġdid bħal sorveljanza tas-suq effiċjenti, proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja ċari u armonizzati, funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi, koordinazzjoni eqreb bejn l-awtoritajiet nazzjonali u applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-approvazzjoni tat-tip. Sistema effiċjenti ta' sorveljanza tas-suq għandha, qabel xejn, tkun ibbażata fuq prinċipju ta' valutazzjoni tar-riskju.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jibqgħu kritiċi dwar l-allegat valur miżjud tas-sorveljanza addizzjonali mill-Kummissjoni ta' awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip kif miftiehem fit-test tal-Artikolu 9a li rriżulta minn trilogi mal-Parlament Ewropew. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip mill-Kummissjoni ma tistax titqies neċessarja u proporzjonali għall-ksib tal-għanijiet tar-Regolament. Għall-kuntrarju, barra li jżid piż burokratiku żejjed fis-sistema, dan il-mekkaniżmu jimmina l-istess prinċipji tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. L-Artikolu 9a jinterferixxi mal-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li huma fil-kompetenza tal-Istati Membri. Billi ma jirrispettawx il-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, il-fiduċja u r-rispett tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE qegħdin għaldaqstant jiġu mminati. Barra minn hekk, tali valutazzjoni ser tirdoppja s-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari u żżid il-piż amministrattiv diġà sinifikanti għall-awtoritajiet.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja huma wkoll tal-opinjoni li t-test tal-Artikolu 90 huwa tal-akbar importanza peress li jistabilixxi mekkaniżmu ta' multi tal-UE li jirriżulta f'impatt dirett fuq il-manifatturi. Għaldaqstant, proċedura, metodi għall-kalkolu u ġabra ta' multi amministrattivi għandhom jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni.